MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 813/2005

**Starfruit Limited (C17985)**

**Vs**

**Anthony u Carmen konjugi Schembri**
**(I.D. No. 286267M u 57167M)**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta’ elf mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u tletin centezmu (Lm1,123.30c) rapprezentanti l-prezz ta’ frott lilhom mibjugh u kkonsenjat.

Bl-ispejjez, inkluz ta’ l-ittra interpellatorja datata 3 ta’ Marzu, 2005 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx Risposta ghalkemm debitament notifikati;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-23 ta' Mejju, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------